MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2007

Numru 760/2005

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Borg)

vs

Jason Coleiro

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Jason Coleiro ta’ 30 sena, iben Lawrence u Doreen nee’ Bartolo, imwieled Gwardamangia fl-24 ta’ Mejju, 1975, u li joqghod 57, Triq Kent, Fgura, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 326775M li gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu ta' bejn Ottubru u Novembru 2004 approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikunsinnata lilu, u cioe' approprja ruhu minn flejjes ta' Frankie Caruana, detentur tal-karta ta' l-identita 252959(M) u Angelo Abela, detentur tal-karta ta' l-identita 497665(M); liema flejjes jammontaw ghas-somma ta' hames mija u li kienu gew fdati jew ikunsinnati lilu, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li isir uzu minnha specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew bili inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq bi hsara ta' l-istess Frankie Caruana u Angelo Abela; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Illi b'hekk hu Jason Coleiro sar recidiv ai terminu ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-10 ta' Gunju, 2003;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 29 ta' Awissu, 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-4 ta' Mejju, 2007 ai termini ta' l-Artikoli 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti tas-seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap 9, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena, il-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u l-fatt li huwa kkopera bis-shih fil-kors ta' l-investigazzjonijiet kif dikjarat mill-Prosekuzzjoni fis-seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005 u l-fatt li l-imputat irrifonda l-ammont in kwistjoni lill-partijiet lezi.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli 293, 294, 308, 309, 310 u 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tiddikjara li qed issib lill-imputati hati ta' l-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------